MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 556/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Carl Oscar Jose Hakansson (K.I. 49784A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija, tlieta u tmenin ewro u disgha u sittin centezmu (€483.69) in konnessjoni ma' diversi servizzi (AC40097677). Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta' Jannar, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li

jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova ‘l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------